MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2014

Numru. 595/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs.**

**Adrian Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Adrian Vella ta’ 51 sena iben Joseph John u Josephine nee’ De Lucca imwieled Sliema fil-25 ta’ Lulju, 1956 u residenti gewwa 13, Gardeners Cottage, Triq ir-Raheb Kurradu, Naxxar, detentur tal-Karta tal-Identita’ numru 512456M

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-28 ta' Gunju, 2007, f'xi hin wara 4.00 ta' wara nofs inhar, fi Triq San Gorg San Giljan u/jew fil-vicinanzi

1. Volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAC 578 tal-ghamla Mercedes, ghad-dannu ta' Julian Genovese minn San Gwann, liema hsara teccedi aktar minn Lm50 u dan ai terminu tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi hfief fuq il-persuna ta' Julian Genovese skond kif iccertifika Dr. S. Grixti 2987 MD mill-Isptar San Luqa u dan ai terminu tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fis-16 ta' Lulju, 2007, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat u deciz;

Semghet il-provi, rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

F'dan il-kaz hemm zewg verzjonijiet tal-fatti, b'dik tal-*parte civile* tikkonfliggi ma' dik tal-imputat. Ghalhekk, din il-kawza tirrivolvi ruhha dwar liema verzjoni hija l-aktar kredibbli. Fic-cirkostanzi, fl-opinjoni tal-Qorti mhux il-kaz li jsir elenku tal-fatti imma se jigu analizzati iz-zewg verzjonijiet tax-xhieda, sabiex din il-Qorti tiddeciedi liema verzjoni hija l-aktar attendibbli.

Il-kuntest ta' dan l-incident – li mhux kontestat bejn il-partijiet - huwa li l-imputat ghandu kumpanija li taghmel xoghol ta' *travel agent* u ghandu hanut 153, Triq San Gorg, San Giljan. Huwa jimpjega lil certa Mary Cauchi. Il-*parte civile,* Joseph Genovese, jigi r-ragel ta' oht Mary Cauchi, u din oht Mary Cauchi kienet telqet lir-ragel taghha, cioe lill-*parte civile.* Mary Cauchi kellha xi tghid mal-*parte civile* u kellhom anke xi kaz il-Qorti kontra xulxin.

*<u>Verzjoni tal-Fatti tal-Parte Civile</u>*

1. Genovese jahdem bhala taxi driver.
2. Huwa xehed li dak in-nhar tal-incident mar jixtri pakkett tas-sigaretti bil-vettura tieghu Mercedes minn bar vicin il-hanut tal-imputat.
3. Genovese jghid li l-imputat hareg ghalih b'hadida u qabad jaghti biha fuq il-Mercedes tieghu, fuq il-bonnet, mudguard u l-paracqua. Huwa ipprova jilqa' b'idejh, imma hin minnhom l-imputat laqtu u kellhom jaghmlulu tlett punti wara widnejh. Il-lavrant tal-imputat beda jipprova jikkalma lill-imputat.
4. Meta gew il-Pulizija, l-imputat rema' l-hadida.
5. Genovese cahad li fil-ghodu kien dahal fil-hanut tal-imputat biex ikellem lil Mary Cauchi, pero jghid li ghadda minn hemm *"bix-xoghol"*. Pero iktar tard jghid li dak in-nhar fil-ghodu ma kienx xoghol, u ghadda minn quddiem il-hanut bil-Mercedes, il-karozza privata tieghu.

*<u>Il-Verzjoni tal-Imputat</u>*

1. Kemm fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda tieghu, l-imputat qal li dak in-nhar tal-incident, kien se jitlaq mill-hanut, meta ra lil Genovese gej bil-vettura tieghu u beda jghajjar lil Mary Cauchi, u kien se johrog mill-vettura biex ihebb ghaliha.
2. Meta ra hekk, l-imputat hareg mill-vettura tieghu, u mar biex jikkalma lil Genovese, izda dan tal-ahhar beda jghajjru u ipprova jhebb ghalih.
3. L-imputat u l-lavrant tieghu bdew izommu l-bieba tal-vettura ta' Genovese biex ma jhallihx johrog minnha.

4. L-imputat innega li kellu xi nerv li beda jghati bih lil Genovese u li ikkaguna xi hsara fuq il-vettura ta' Genovese.
5. L-imputat jghid li probabbilment Genovese qata' wiccu mal-windshield tal-vettura, meta ipprova johrog mill-vettura, ghax din il-windshield inkisret waqt l-incident.
6. L-imputat baqa' jzomm il-bieba sakemm gew il-Pulizija.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li z-zewg pulizija li waslu fuq il-post PS Luke Stivala u PS 1354 Claudio Coppola kienu kapaci biss jaghrfu lil Genovese pero mhux l-imputat. PS Stivala xehed li kien Genovese li kien qed jaqla l-inkwiet. Huwa xehed li Genovese kien fil-karozza b'qasma f'rasu, u l-karozza kellha daqqa' mal-bieba. PS 1354 Claudio Coppola xehed li l-hsarat fuq il-vettura kienu fuq in-naha tax-xufier, u li l-windbreaker kienet imkissra. Huwa jghid ukoll li fejn titla u tinzel it-tieqa kien hemm dents zghar u kien hemm xi dents fuq il-bonnet u s-saqaf. L-ebda wiehed minn dawn iz-zewg Pulizija ma jghid li Genovese qalilhom li l-imputat kien hareg ghalih b'hadida u li kien remiha.

Dr. Silvio Grixti kkonferma c-certifikat mediku minnu mahrug li Genovese kellu ticrita fin-naha tal-mohh u haematoma f'idejh il-leminija u grif superficjali. Huwa xehed ukoll li ma kienx hemm indikazzjonijiet li Genovese kellu *head injuries*, u ghalhekk huwa kklassifika l-ferita bhala wahda *"slight save complications"*

L-impjegata Mary Cauchi xehdet li dak in-nhar fil-ghodu Genovese beda tiela u nizel bil-vettura minn quddiem il-hanut, u fl-istess hin jheddidha u joffendiha. Hin minnhom hareg u beda jghati bil-ponn *"bhal mignun"* fuq il-karozza tieghu. Fil-fatt hija marret tirraportah l-Ghassa. Waqt li kienet l-ghassa, cemplet il-mara tal-imputat li kienet fil-hanut, ghaliex Genovese kien dahal fil-hanut u beda jhedded lilha wkoll. Pero sakemm telghu l-Pulzija l-hanut, Genovese lahaq telaq. Pero rega' gie iktar tard, u kien se jipprova jidhol l-ufficju biex jaghmel ghaliha, izda l-imputat beda jzommu il-bieba tal-vettura tieghu biex ma jhallihx johrog. Meta rat hekk, hi dahlet gewwa l-ufficcju.

Catherine Vella, li tigi l-mara tal-imputat, u li tkun il-hanut minflok l-impjegata, ukoll ikkonfermat li dak in-nhar fil-ghodu, meta Mary Cauchi marret tirraporta lil Genovese l-Ghassa, Genovese dahal u beda jheddidha u hi cemplet l-Ghassa tal-Pulizija. Ikkonfermat ukoll li Genovese beda jaghti bil-ponn fuq il-vettura tieghu stess.

Fl-opinjoni konsiderata tal-Qorti, il-versjoni ta' Genovese ma hix wahda attendibbli u dan ghaliex, apparti li hija kontradetta minn xhieda ohra, li kieku vera l-imputat hareg ghalih b'hadida, fl-ewwel lok dan kien jghidu mill-ewwel lill-Pulizija li gew fuq il-post *a tempo vergine* u fit-tieni lok, id-danni kemm fuq il-vettura tieghu, kif ukoll fuqu nnifsu kienu certament ikunu iktar gravi. Fil-fatt Genovese stess xehed li biex irranga l-Mercedes huwa nefaq LM244 – u lanqas ezebixxa xi ircevuta biex jikkonferma dan il-fatt.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni ma ippruvatx il-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u qieghda tilliberah minnhom.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------